MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 285/2013

**Malcolm Debono ghan-nom tieghu u ghan-nom ta' Zephyr Garage Company Limited**

**Vs**

**Paul Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-26 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimat jhallashom is-somma ta' erba' mija u erbatax-il euro [€414] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Inti mitlub thallas erba' mija u erbatax-il ewro (€414) liema ammont jirrapresenta spejjes li thallsu lilek mill-passiggieri li użaw il-vann li kont issuq proprjetà tar-rikorrenti, u li l-istess flus kellek tghaddihom

lir-rikorrenti u dan sakemm domt impjegat mar-rikorrenti ghall-perjodu bejn it-3 t' Awwissu 2012 sat-13 ta' Settembru 2012.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-13 ta' Settembru, 2012".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti minnu moghtija fit-13 ta' Mejju, 2014.

Ra li Dr. Caroline Farrugia ddikjarat li r-rikorrenti ma kellomx provi aktar xi jresqu u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' erba' mija u erbatax-il euro [€414] liema ammont kien thallas lill-intimat mill-passigieri li użaw il-vann proprjetà tar-rikorrenti u li imbaghad l-

intimat kellhu jghaddi dan l-istess ammont lir-rikorrenti iżda baqa ma ghamilx dan.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed u qal li l-intimat kien impjegat bhala *bus driver full time* mieghu bejn it-3 ta' Awwissu 2012 u t-13 ta' Settembru 2012. Qal li l-intimat stess kien ammetta mieghu li huwa kellhu jaghtih s-somma ta' erba mija u erbatax-il euro bhala flejjes li huwa kien gabar minghand il-passigiera u li huwa kellhu jaghtih dan l-ammont. Sahansitra mar ghand l-intimat sabiex jiġbor dawn il-flejjes iżda ġablu l-pulizija. Anke quddiem il-pulizija, jkompli jghid ir-rikorrenti, l-intimat ammetta li kellhu jaghtih.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta'*

> *Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghhom u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija u erbatax-il euro [€414] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-13 ta' Settembru, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------